Minuti tal-laqgħa tnejn u għoxrin (22), tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar it-Tnejn, 29 ta' Settembru 2014 fit-3.00 ta' wara nofs in-nhar fis-Sala tal-Kommunita'.

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| | |
| Is-Sna Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

1. Talba

1.1 Il-laqgħa ġiet ipreseduta mis-Sindku, s-Sur Saviour Borg u bdiet b'talba.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-minuti tal-laqgħa għoxrin (20) u wieħed u għoxrin (21) ġew approvati kif preżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

*Mill-Minuti*

2.2 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li l-kont tal-Miżura 313 tal-*Bank of Valletta* ingħalaq u l-flus ġew trasferiti fil-kont bankarju ta' tfaddil tal-Kunsill.

2.3 Saru l-*Interim Audits* mill-Awditur Adam Vella fl-4 ta' Settembru 2014 u l-Ex Aġent Seg. Eżekuttiv responsabbli ma attenditx izda ingħatat għajnuna mis-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv preżenti.

2.4 Inżabru s-siġar tal-ħarrub fi Triq Alessandro Franchi u inżabru wkoll l-palm tal-*playing field* u tal-*belvedere* Triq ta' Mullejja wara li l-Kunsill irċieva l-approvazzjoni tal-permessi meħtieġa.

2.5 Intbgħatet l-ittra lil Ministru għal Għawdex u lid-Direttur ta' l-Eco Gozo biex iġeddu l-fondi tat-tindif u riabilitazzjoni tal-Wied tax-Xlendi, inkella jingħataw it-tieni għażla approvata mid-Dipartiment ta' l-Eco



S. Borg

Gozo – it-tkomplija tad-dawl tat-toroq b'sistema ta' fanali *energy saving and enviromental friendly* . Is-Sur Micallef informa lil Kunsill li kellu diskussjoni mad-Direttur fejn id-Direttur infurmah li jekk jagħtu lil xi Kunsill iċ-ċans għal tiġdid tal-fondi jagħtu wkoll iċ-ċans lil kull Kunsill.

2.6 Ġie iffirmat il-kuntratt tat-tindif u l-manteniment tal-latrini fis-16 ta' Settembru 2014 mal-Kuntrattur Carmel Xerri.

2.7 Is-Seg. Eżekuttiv ircieviet l-*acknowledgement* tal-MEPA rigward l-applikazzjoni tas-Sna. Deborah Mercieca fejn kienet tidher mal-lokalita' tal-Fontana flok tar-Rabat Għawdex.

2.8 Iż-żewġ fanali li kellhom jeħlu l-isfel mill-Knisja fi Triq il-Għajn twaħħlu minn Chris Gauci għal prezz ta' €50 kull wieħed. Is-Sindku nforma lil preżenti li diġa tkellem ma' Chris Gauci sabiex japplika għal provista tad-dawl.

2.9 Rigward il-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn, l-Avukat Jean Paul Grech idraftja ittra sabiex tintbgħat lid-Dipartiment ta' l-Artijiet. Is-Sindku nforma lil preżenti li s-seduta tat-3 t'Ottubru ġiet posposta għal 14 ta' Novembru 2014 minħabba li l-Maġistrat hu indispost.

2.10 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li ttieħdet mir-restawratur l-istatwa tal-Kunċizzjoni minn niċċa ta' Pjazzetta fuq it-Tomba kantuniera ma Triq il-Għajn sabiex jinbeda' ir-restawr.

3. <u>Laqgħa mal-Perit Gordon Vella</u>

3.1 Il-Perit Gordon Vella ġie mistieden jidħol fil-kamra. Il-Perit beda jispjega rigward il-kwistjoni ma AF Ellis. Beda jispjega li meta sar ix-xogħol ta' estensjoni taċ-Ċentru Ċiviku ġie affetwat il-parametru tal-madum taz-zuntier. Għal dan il-għan kienu ġew ordnati 40m$^3$ madum mill-Kunsill, iżda qabel ma nħattu minn fuq it-trak, is-Sindku li kien preżenti ra li kien hemm ħafna żejjed u għalhekk intlaħaq ftehim li A.F Ellis jieħu *palet* minnhom lura. Wara li l-Perit kejjel il-madum li ntuża għat-tiswija taz-zuntier u dak li baqa' żejjed fil-garaxx iriżulta li nżamm mill-Kunsill 30m$^3$, għalhekk irid isir ħlas ta' dan lil AF Ellis. Dwar il-ħsara li hemm f'xi madum li twaħħal fuq iz-zuntier, il-Kunsill qabel li l-Perit għandu jinforma lil AF Ellis biex jkun hemm tnaqqis fil-prezz ta' 5%.



S. Boy

3.2 Rigward l-*excavation* u l-bini ta' ħajt fi Triq John Gaspard le Marchant, il-Perit informa lil preżenti li prepara il-BOQ u l-ispecifications biex is-Seg. Eżekuttiv tkun tista' toħroġ l-offerta. Il-Perit spjega li fil-parti fejn ser jinbena l-ħajt hemm 8 filati għoli bejn il-livell tar-raba' t'isfel u l-bankina tat-triq. Sar qbil li l-ħajt jsir għoli ta' 3 filati l-fuq mill-bankina sabiex ma jkunx ta' perikolu għal pubbliku u lanqas ma tiġi ostakolata l-veduta minn fuq il-bankijiet. Il-Perit staqsa lil preżenti jekk japlikax għal-permess mal-MEPA. Il-membri infurmawh li għandu jagħmel dan bla dewmien. Il-Kunsill għandu wkoll jibgħat notifika irreġistrata tax-xogħol lis-sidien ta' l-art. Is-Sindku qal li hemm il-lista' tal-persuni fil-*file* ta' meta sar it-twessiegħ tat-toroq John Gaspard le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi kif ukoll il-Perit għandu jiċċekkja hemmx bzonn li jsir xi estensjoni ta' l-ilma u d-drenaġġ.

3.3 Is-Sindku staqsa rigward il-brix tal-*gym equipment*. Il-Perit informa lil preżenti li dan inbarax bix-xafra x'ħin il-ħaddiema ta' John G Cassar Ltd ħarġuh minn ġol-*packing*. Il-Kumpanija John G Cassar Ltd fejn tħallsu nofs l-ammont f'Diċembru li għadda. Il-Perit kellu kuntatt diversi drabi mal-Kumpanija sabiex tissolva din il-problema iżda l-Perit informa lil preżenti li il-kumpanija bagħtet lil xi ħadd biex jirtukjah. Il-Perit ma kienx sodisfatt u għalhekk ma setax jiċertifikah. Il-membri qablu li dan m'għandux jitħallas il-bilanċ li baqa' qabel ma ssir il-manutenzjoni meħtieġa u jiġi ċċertifikat mill-Perit.

3.4 Rigward il-*water proofing* is-Sindku qal li jista' jkun qed issir ħsara lil bejt tat-tieni fażi taċ-ċentru ċiviku peress li għadha ma ngħatatx is-sentenza għalhekk ma jistax isir it-tqegħid tal-ġebla tal-qawwi. Il-Perit irrakomanda li jsir il-pendil bil-kontrabejt tal-konkos, wara isir il-membrane u titwaħħal iċ-ċangatura tal-ġebla tal-qawwi bil-kolla fuq il-membrane. Is-Sur Micallef staqsa lil Perit jekk il-madum iżommx imwaħħal bil-kolla fuq il-*membrane.* Il-Perit spjega li wara, l-madum jitħalleb sew u jsir il-*grouting*. Il-kontrabejt għandu jinorok bil-*helicopter* sabiex il-membrane jeħel sew. Il-Perit ser jivverifika kemm ser jiġi jiswa dan ix-xogħol.

Is-Sindku rringrazzja lil Perit.

4. <u>Għoti u Ħruġ ta' l-offerti</u>

4.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li inħarġet is-sejħa għal offerta FNT07/2014 għal *Excavation and Building of a retaining wall in John*

*Gaspard le Marchant Street – Fontana* li tagħlaq fil-24 t'Ottubru 2014 f'nofsinhar.

4.2 Wara evalwazzjoni mill-Accountant Johanna Caruana rigward il-kwotazzjonijiet għal polza ta' l-assigurazzjoni kien hemm qbil fost il-membri li tiġi mogħtija lil KDM.

4.3 Wara li inqara r-rapport ta' l-evalwazzjoni ta' l-*Engineer* Mario Galea u wara li ġiet ikonsidrata l-opinjoni tiegħu fir-rigward tat-*tender* ta' l-*online streaming* kien hemm qbil sabiex din l-offerta terga' toħroġ, kif issuġġerixxa l-Engineer.

5. <u>Żjara mis-Seg. Parlamentari l-Onor. Stefan Buontempo</u>

5.1 Is-Seg. Eżekuttiv fakkret lil membri li ż-żjara ta' kortesija mill-Onor. Buontempo fil-Kunsill ser issir nhar l-Erbgħa, 1 t'Ottubru 2013 fil-10.15 ta' fil-għodu. Waqt iż-żjara kien hemm qbil li jiġi diskuss l-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn sabiex ikun jista' jitkompla ċ-ċentru ċiviku u l-appell tal-ġebla tal-qawwi li ilu għas-sentenza minn April li għadda.

6. <u>Proposta għall-ġemellaġġ mal-lokalita' ta' Hal Luqa</u>

6.1 Is-Sindku nforma lil preżenti li ġie aviċinat mis-Sindku ta' Hal Luqa, s-Sur John Schembri għal proposta ta' ġemellaġġ bejn iż-żewġ lokalitajiet peress li l-patrun Sant' Indrija hu l-patrun taż-żewġ lokalitajiet. Il-membri qablu f'dan ir-rigward.

7. <u>Jum il-Fontana</u>

7.1 Il-membri qablu li din għandha tiġi iċelebrata fl-1 ta' Diċembru 2014 u jiġu mistiedna l-grupp *D Capitals* għal din l-attivita'.

8. <u>Korrispondenza</u>

8.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li rċeviet emejl minngħand id-Direttur tal-Kunsill Lokali fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-kuntratt mal-WasteServ skada fil-31 ta' Lulju 2014 u għalhekk saru a karigu tal-Kunsill.

8.2 Rigward il-*European Week for Waste Reduction* li ser issir bejn it-22 u t-30 ta' Novembru 2014 il-Kunsill intalab biex jipparteċipa. Il-membri qablu li s-Seg. Eżekuttiv għandha torganizza xi ħaġa.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Bo

8.3 Ittra minn għand id-Direttur tal-Kunsilli Lokali rigward skema ta' impieg inklussiv fil-komunita' sabiex jintbgħatu l-*invoices* lid-Dipartiment sabiex jibda' jsir il-ħlas u ukoll fejn il-Kunsill ġie infurmat li x'ħin jagħlaq il-kuntratt ma jistax jerġa jiġi imġedded taħt din l-iskema.

8.4 Emejl minngħand Tracy Camilleri mid-Dipartiment tas-Saħħa rigward *Influenza Vaccine Campaign 2014*. Il-membri qablu li jintbgħat avviż fid-djar sabiex ir-residenti japplikaw il-Kunsill.

8.5 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li tat *in-no objection* għal purċissjoni bil-Madonna tad-Duluri għal Hadd, 5 t'Ottubru 2014.

8.6 Korrispondenza minn għand Transport Malta fejn il-Kunsill ingħata l-permess sabiex isir *1m double yellow line* fuq iż-żewġ naħħiet tal-garaxx 44, Triq l-Isptar San giljan u l-garaxx ta' 'Casa Regina', Triq il-Qalb ta' Gesu'. Waslet ukoll l-approvazzjoni għal twaħħil ta' mera tat-traffiku faċċata ta' 'Ambrossia', Triq l-Isptar San Giljan. Rigward it-talba għal *un/loading* quddiem 'Lunzjata Mansion Holiday Accomodation' fi Triq ta' Mullejja , Transport Malta ma laqetx it-talba tal-Kunsill. Rigward it-talba għal *zebra crossing* fi Triq il-Għajn, Transport Malta infurmat lil Kunsill sabiex jibgħat pjanta dettaljata minn Perit.

8.7 Emejl rigward nomina għal Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena 2014, ma kien hemm l-ebda nomina.

9. <u>Approvazzjoni ta' kontijiet</u>

9.1 Skeda Nru 18 tal-ħlasijiet ġew approvati mill-membri tal-Kunsill.

9.2 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li għamlet ukoll ic-cheque ta' Ġunju tas-CIR peress li ma kienitx imtliet il-formola ta' l-FS3 u lanqas sar ic-cheque mill-Ex. Aġent Seg. Eżekuttiv.

9.3 Rigward il-ħlas għaċ-ċentru ta' l-anzjani l-Kunsill qabel li għandu jintbgħat avviż sabiex iħeġġeġ aktar anzjani sabiex jattendu fiċ-ċentru ta' matul il-jum, dan peress li qed jattendu biss kultant tlett persuni.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Bog

10. <u>Materji oħra</u>

10.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li b'kordinament mal-Ministeru għal Għawdex ser jibdew jinżebgħu s-sinjali tat-traffiku waqt li l-Kunsill jiprovdi ż-żebgħa.

10.2 Is-Seg. Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni sabiex isiru l-*angle valves* taħt is-sinkijiet ta' l-uffiċċju u anki tas-sala sabiex il-*cleaner* tkun tista' timla l-ilma. Il-membri qablu li jitqabbad Alexander Gatt peress li kien ħadem ix-xogħol ta' l-ilma. Is-Sur Micallef propona li jinxtraw *soap dispensers* għat-*toilets* tas-sala. Il-membri qablu.

10.3 Ilment minn għand is-Sur Paul Scicluna sabiex il-gvern jesproprja t-tisqifa li tgħaqqad Trejqet Dun Ġużepp Grima ma Triq tal-Għajn. Il-membri qablu li l-każ għandu jiġi referut lid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

10.4 Ilment minn għand Andrew Attard sabiex jerġa jsir ħotba tal-konkos li inqalgħet minn Trejqet il-Ħarrub fil-bokka tal-wied bil-konsegwenza li l-ilma flok jmur ġol wied imur għal tul it-triq. Il-membri qablu li għandhom jitpoġġew kantuni u jinżebgħu sofor u suwed.

10.5 Suġġeriment minngħand is-Sna. Gloria Buttigieg sabiex il-*buses* ta' l-iskola jgħaddu mit-triq prinċipali peress li l-*istop* ta' l-iskola qegħda qrib id-Dolphin Pools. Is-Sur Horace Micallef informa lil Kunsill li wara li s-Sna. Buttigieg kellmitu fl-isports fest, informa lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni b'dan l-ilment fejn ġie maqbul illi l-*bus* tax-Xlendi kienet ser tieqaf quddiem il-Knisja u fi Pjazza l-Għejjun.

10.6 Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lil preżenti li bagħtet ittra lil Kuntrattur rigward in-nuqqasijiet tiegħu mill-kuntratt fejn ġibditlu l-attenzjoni li l-*bins* fi Triq Alessandro Franchi u Triq John Gaspard le Marchant mhux jitbattlu regolari u rigward li f'xi sqaqien iż-żibel mhux jinġabar.

10.7 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil Kunsill illi mill-ammont li tħallas lil Għaqda tan-nar għall-*festival* tan-nar fil-festa ġie imnaqqas €138.60 għal pubblikazzjoni tal-posters.

10.8 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti illi applikat għal iskema dwar inizjattivi sportivi fil-lokalita' fejn fil-programm ġie propost fuq erba' termini Diċembru 2014, April 2015, Ġunju 2015 u Settembru 2015. Fil-programm inkludiet iż-żumba *classes* fis-sala tal-Komunita',


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555


S. Bo[illegible]

*football tournament* fis-Seminarju, *healthy eating classes, gym instructor* għal użu tal-*gym equipment* tal-*playing field, WII tournament* fis-Sala tal-Komunita', logħob fuq iz-zuntier u logħob ta' l-ilma fejn l-għejjun. Dan sar wara li hi u s-Sindku kellhom laqgħa mad-Dama Maryanne Zammit li tat l-għajnuna tagħha għal din l-applikazzjoni.

*Sindku*

10.9 Is-Sindku attenda l-istedina għal konferenza bl-isem ' Effiċjenza fil-Ħidma tal-Gvern' rigward it-tnaqqis tal-Burokrazija. Din saret fis-Sala tal-Ministeru għal Għawdex fl-4 ta' Settembru.

10.10 Fil-11 ta' Settembru saret ħarġa soċjo-kulturali ta' nofs ta' nhar Kemmuna. Attendew 30 persuna fosthom is-Sindku, l-Kunsillier Horace Micallef u s-Seg. Eżekuttiv.

10.11 Is-Sindku attenda għal Pontifikal fis-16 ta' Settembru immexxi minn Mons Isqof Mario Grech fil-Katidral, fl-okkazzjoni tal-għeluq tal-150 sena mit-twaqqif tad-Djoċesi ta' Għawdex.

10.12 Fis-17, 18 u 19 ta' Settembru ġiet organizzata għal darb'oħra 'Sports Fest' għat-tfal flimkien mal-parroċċa fuq iz-zuntier. Ħadu sehem madwar 40 tifel u tifla. Fid-19 ta' Settembru saret il-preżentazzjoni tat-trofew lil parteċipanti kollha mis-Sindku fil-preżenza tal-kunsillier Horace Micallef u s-Seg. Eżekuttiv.

10.13 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-preżenti illi l-Fontana qed timtela' b'ħafna ħamiem salvaġġ bil-konsegwenza li qed jkun hemm ħafna ħmieġ fuq il-bankini f'parti minn Triq il-Għajn u Triq Kappillan G. Hili. Huwa ssuġġerixxa biex jinxtara għalf li jisterelizza biex ma jkomplux jiżdiedu l-ħamiem. Is-Sur Micallef propona li għandu jintbgħat ħaddiem biex jiknes dawn l-inħawi.

10.14 Is-Sindku nforma lil preżenti li ġie avviċinat mill-Kapillan sabiex waqt il-ħin tad-duttrina, quddiem il-bini tad-duttrina issir barrier u tabella tan-*no entry*. Il-membri qablu li s-Segretarju għandha tiċċekja mal-Kapillan rigward il-hinijiet u l-ġranet proposti minnu u jintalab il-permess ta' Transport Malta.

10.15 Is-Sindku propona li ssir ħarġa għal Malta għal Fiera ta' San Martin fil-Baħrija u postijiet oħra fid-9 ta' Novembru. Il-membri qablu.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Boy

10.16 Is-Sindku ssuġġerixxa li jiġi ordnat fanal żgħir għal quddiem in-niċċa tal-Kunċizzjoni li qed tiġi restawrata fejn kien hemm qbil mill-membri f'dan ir-rigward.

10.17 Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil sabiex l-arblu li tgħawweġ b'xi vettura, tal-*pelican lights* fi Triq PP Hili jitranġa minn Chris Gauci .

10.18 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill ma ġiex ikkonsultat fuq it-tabelli tan-*no parking* tal-pulizija li tpoġġew mill-ewwel ġurnata tas-sena skolastika fi Triq il-Għajn minn Cini's Bakery il-fuq. Is-Sur Micallef informa lil Kunsill li din saret bi prova ta' ġimgħa u li ħadmet b'suċċess. Is-Sur Mercieca stqarr mal-Kunsill li jaqbel perfettament kif mexa t-traffiku waqt il-ħin ta' ftuħ ta' l-iskola peress li ma kienx hemm konġestjoni. Is-Sur Micallef qal li l-Ministeru għal Għawdex u Trasport Malta ser jikkonsultaw mal-Kunsill f'dan ir-rigward.

10.19 Is-Sindku nforma lil preżenti li saret il-manutenzjoni tal-injam tal-apparat tal-logħob tal-*playing field.*

*Viċi Sindku*

10.20 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni illi l-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex mhux qed jikkonsulta mal-Kunsill Lokali tal-Fontana kull darba li jagħti permess biex tingħalaq xi triq li tkun taffettwa l-lokalita' tal-Fontana. Il-membri qablu li s-Seg. Eżekuttiv għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali tar-Rabat.

*Kunsillier, Is-Sur Mario Mercieca*

10.21 Is-Sur Mario Mercieca ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li qed jitilgħu il-karozzi kontra l-linja fl-ewwel parti ta' Triq il-Għajn. Propona li għandha ssir vleġġa ma l-art u titwaħħal tabella bid-dawl tal-*one way* li tkun tixgħel mad-dawl tat-toroq. Is-Sur Micallef qal li ser jieħu ħsieb li jibgħat ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex biex jinżebgħu peress li hija Triq arterja hu ssuġġerixxa ukoll li terġa ssir il-vleġġa fl-art fi Triq il-Għajn kantuniera ma Triq P P Hili.

10.22 Rigward il-*bus stop* ta' Triq PP Hili, is-Sur Mercieca informa lil prezenti li fil-jiem li għaddew *bus* tat-trasport pubbliku kienet qed tħott f'din it-triq waqt li warajha kien hemm ambulanza ddoqq. Ix-



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Boy

xufier tal-linja baqa' iħott għalhekk għandha tinġibed l-attenzjoni ta' Trasport Malta. Il-membri qablu ma dan.

*Kunsillier, Is-Sur Horace Micallef*

10.23 Is-Sur Micallef talab sabiex jinqata' l-weraq tas-siġar tal-bajtar li hemm il-barra mill-ħajt tas-sejjiegħ fi Triq Wied Siekel u jinkines.

Il-laqgħa ntemmet fil-5.30 ta' fil-għaxija. Laqgħa oħra ser issir l-Erbgħa, 29 t'Ottubru 2014 fil-5.30 ta' fil-għaxija.

Saviour Borg
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv